UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

IL-KNISJA F'MALTA

5 ta' Frar 2015
17/2015

## ITTRA MILL-PAPA FRANĠISKU LILL-PRESIDENTI TAL-KONFERENZI EPISKOPALI, LIS-SUPERJURI MAĠĠURI RELIĠJUŻI U LILL-GĦAQDIET TA' ĦAJJA APPOSTOLIKA

Il-Konferenza Episkopali Maltija, llum, il-Ħamis 5 ta' Frar 2015, irċeviet ittra mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku. F'din l-ittra, mibgħuta lill-Konferenzi Episkopali, lis-Superjuri Maġġuri Reliġjużi u lill-Għaqdiet ta' Ħajja Appostolika madwar id-dinja, il-Papa jappella għall-kollaborazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Minuri li waqqaf f'Marzu 2014.

Il-Papa jgħid li din il-Kummissjoni għandha tkun mezz ġdid, importanti u effettiv biex il-Konferenzi Episkopali, is-Superjuri Maġġuri Reliġjużi u l-Għaqdiet ta' Ħajja Appostolika, jgħinuh imexxi 'l quddiem l-impenn tal-Knisja f'kull livell, biex jittieħdu l-passi kollha meħtieġa għall-ħarsien tat-tfal u l-adulti vulnerabbli, u biex l-Knisja twieġeb għall-ħtiġijiet tagħhom b'ġustizzja u ħniena.

Il-Papa jisħaq ukoll fuq ir-responsabilità li għandhom l-Isqfijiet Djoċesani u s-Superjuri Maġġuri tal-Ordinijiet Reliġjużi, biex jaċċertaw il-ħarsien tal-minuri u l-adulti vulnerabbli fil-parroċċi u f' istituzzjonijiet oħra tal-Knisja. Il-Papa jgħid ukoll li fi ftit tal-jiem oħra, il-membri tal-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Minuri ser jiltaqgħu f'Ruma għall-ewwel darba.

*Kopja tal-ittra tal-Papa Franġisku tinsab annessa.*

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**